# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Mario Farrugia**

Illum, 22 ta' Lulju 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Mario Farrugia, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 291170M, fejn gie akkuzat li:

*"talli nhar il-21 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-sebha u ghoxrin ta' filghodu (07:20hrs) gewwa The Convenience Store, li jinsab fi Triq il-Hammieri, Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer:*

1. *Ikkommetta serq ta' bott tal-karita' bi flus kontanti ghad-dannu ta' Puttinu Cares, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*U nakkuzah ukoll talli nhar l-24 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-sebgha u ghaxra ta' filghodu (07:10hrs) minn gewwa l-hanut Mgarr Daily Fresh, li jinsab fi Triq il-Helsien, Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer;*

2. *Ikkommetta serq ta' bott tal-karita' bi flus kontanti ghad-dannu tal-Fondazzjoni Inspire, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u disghin centezmu (232.94) dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
3. *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill_Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Dott Consuelo Scerri Herrera LL.D nhar l-4 ta' Gunju 2019 f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 30,800 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott Gabriella Vella LL.D nhar il-5 ta' Frar 2019 f' dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest fost il-kundizzjoijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 8,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. *Barra minn dan, l-imputat Mario Farrugia huwa akkuzat talli rrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema setenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula ai termini ta' Artikoli 49,50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori tal-kawza nstemghu varji xhieda:

**PS 362 Wayne Borg** xehed li huwa gie nfurmat li fil-21 ta' Ottubru 2019, sehhet serqa mill-hanut The Convenience Shop, fi Triq il-Hammieri, Qormi, fejn kien insteraq bott tal-karità ghal Puttinu Cares Foundation. Gie spjegat li min ghamel ir-rapport, induna li dan il-bott insteraq fit-28 ta' Ottubru 2019, u ghalhekk, ir-rapport mal-Pulizija sar fid-29 ta' Ottubru 2019. Gie spjegat li mill-filmati tas-sistema tas-sorveljanza, irrizulta li l-bott insteraq fil-21 ta' Ottubru 2019, fis-sebgha u erbgha u ghoxrin minuta. Sostna li l-kollegi tieghu gharfu lill-imputat x'hin raw il-filmat.

**PS274 James Turner** xehed li fl-24 ta' Ottubru 2019, dahal rapport minn Godwin Azzopardi, proprjetarju ta' Mgarr Daily Fresh, fi Triq il-Helsien Qormi, li ghal habta tas-7.10am kienu dahlu zewg persuni, wahda maskili u ohra femminili gol-hanut. Spjega li Azzopardi nfurmah li l-mara bdiet titolbu xi affarijiet u l-persuna maskili ha l-bott tal-karità tal-fondazzjoni Inspire, liema bott kien mimli konsiderevolment. Spjega li meta osservaw il-filmati tas-sistema tas-sorveljanza, kien jidher li l-mara kienet qed taljena lis-sid, mentri l-persuna maskili ha l-bott u hareg 'il barra. Spjega li huwa ma kienx jaf min hi l-persuna maskili, izda imbaghad saru xi *enquiries* wara. Sostna li minn dak li ra fil-filmat, huwa qed jaghraf lill-imputat bhala l-persuna ta' fuq il-filmat. Spjega li nghataw informazzjoni fuq il-vettura li kienet qed tintuza, u

cioè Isuzu LDG. Originarjament, ma nghatawx in-numru komplut tar-registrazzjoni, izda l-kwerelant rega' ra din il-van li kellu daqqa fuq naha minnhom u ghadda n-numru komplut lill-Pulizja, u cioè LDG 058. Spjega li l-vann kien registrat fuq Veronique Zammit, u din qalet li bieghet il-vettura lill-imputat.

**Rodianne Micallef** xehdet li hija tahdem fil-Convenience Store fi Triq il-Hammieri Qormi. Hija ghamlet rapport minhabba li fil-21 ta' Ottubru 2019, fis-7.24 am, gie jixtri Mario Farrugia, li gharfet fl-awla. Spjegat li dan xtara xi haga u hallas ghaliha, filwaqt li tefa' fil-gakketta tieghu l-bott ta' Puttinu Cares. Bil-fixla, Farrugia halla l-oggett li xtara fil-hanut. Spjegat li huma ndunaw b'li gara, madwar gimgha ilu peress li xi nies staqsew jekk ghandhomx bott. Spjegat li solitament, il-bott jittiehed meta jkun kwazi mimli u jigu moghtija iehor. F'dan il-kaz, ma sehhx hekk, u kien ghalhekk li rat il-filmati halli tara x'gara mill-bott. Spjegat li hija biss ghandha access ghall-filmati ghax hi biss taf il-password. Spjegat li l-filmati ghaddiethom lill-Pulizija. Spjegat li l-bott kien ta' Puttinu. Spjegat li Puttinu jibghatulhom *email* qabel ma jkunu ser jigbru l-bott. Jekk il-bott ikun mimli, dan jitpogga fl-ufficju, u meta jigu, jinghata lilhom.

**Godwin Azzopardi** spjega li huwa ghandu hanut tal-haxix Hal Qormi fi Triq il-Helsien, jismu Daily Fresh. Huwa ghamel rapport, fejn malli fetah filghodu, gew mara u ragel. Ir-ragel dahal mill-bieb tan-naha t'isfel u l-mara dahlet min-naha ta' fuq. Spjega li l-mara kellmitu u staqsietu xi affarijiet, mentri r-ragel dahal u ha l-bott. Il-bott kien minn dawk li jitfghu l-flus go fih. Spjega li huwa ma ndunax mill-ewwel li l-bott ittiehed, izda mbaghad qal lil ibnu li dalghodu dahal ragel u ma jafx jekk hax xi haga. Spjega li huwa talbu li jaraw il-filmati, u rawh jiehu l-bott. Spjega li r-ragel telaq bil-mixi, izda mbaghad, il-mara li kien hemm mieghu, kienet bil-van, nizlet 'l isfel u gabritu minn isfel. Il-vann kienet hadra tat-tip Isuzu. Spjega li dan ir-ragel kien qasir u naqra boccu u kien bil-beritta.

**L-Ispettur Alfredo Mangion** spjega li fil-21 ta' Ottubru 2019, u fl-24 ta' Ottubru 2019, insterqu xi bottijiet tal-flus tal-karità, proprjetà ta' Puttinu Cares u Inspire minn The Convenience Store, Triq Hammieri, Qormi, u Mgarr Daily Fresh, Triq il-Helsien, Qormi, rispettivament. Spjega li huwa gie mghoddi filmati tas-CCTV taz-zewg hwienet u gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ha dawn il-bottijiet. Fl-incident tal-24 ta' Ottubru 2019, kien hemm persuna femminili li aljenat lis-sid tal-hanut, mentri l-imputat ha l-bott. L-imputat irrilaxxja stqarrija fejn ghazel li ma jwegibx ghal hafna domandi, u ghal liema stqarrija, l-istess Farrugia ma ffirmax. L-Ispettur ezebixxa 2 cds bil-filmati relattivi, kif ukoll sett ta' *stills*.

L-Ispettur ezebixxa sentenza moghtija mill-Magistrat Neville Camilleri nhar it-8 ta' Mejju 2014, u ohra fis-6 ta' Jannar 2013. Ipprezenta kopja tac-citazzjoni fejn inghatat sentenza mill-Magistrat Dr Anthony Vella fl-10 ta' Gunju 2013, u kopja tac-citazzjoni u sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2019, mill-Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace.

**Martina Fenech** xehdet in rapprezentanza ta' Puttinu Cares, fejn spjegat li f'Ottubru, gew infurmati li kien hemm bott f'Convenience Store Qormi nieqes. Spjegat li gew infurmati li l-bott kien nieqes fil-21 ta' Ottubru 2019.

**Analise Magro** xehdet li tahdem l-Inspire Foundation u li gew infurmati f'Dicembru 2019, li bott tal-karità gie nieqes.

**Spettur Wayne Camilleri** kkonferma l-*bail conditions* mahruga kontra Mario Farrugia, u qed jaghraf lill-mputat. Spjega li dawn inhargu mill-Magistrat Gabriella Vella fil-5 ta' Frar 2019, u l-kaz ghadu subjudice.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza issostni li l-Prosekuzzjoni waslet biex identifikat lil Mario Farrugia fuq *tip off* peress li wiehed mis-sidien, allegatament ra vettura ghaddejja, u qabad l-ewwel tliet ittri tal-vettura biex b'hekk, il-Pulizija bdiet tindaga. Id-difiza sostniet li sid il-vettura qalet li l-vettura giet mibjugha lil Mario Farrugia, u nbdiet l-investigazzjoni. Gie sostnut li l-Prosekuzzjoni naqset meta ma ressqitx lis-sid ta' din il-vettura biex tidentifika lil Mario Farrugia bhala l-persuna li lilu giet mibjugha l-vettura. Id-difiza sostniet ukoll li f'incident minnhom, tissemma persuna femminili. Din qatt ma tressqet mill-Prosekuzzjoni. Id-difiza sostniet ukoll li mill-*istills*, jidher persuna bil-beritta, qmis b'shorts u karkur. Madanakollu, id-difiza ssostni li r-ritratt mhux car, u li ghalhekk, il-persuna ma tistax tigi identifikata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Dawn l-argumenti kollha jirrigwardaw l-incident li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni. Mill-provi mressqa, il-filmat ezebit bhala Dok SG 2 u anke l-*istills* ezebiti bhala Dok SG3 sa Dok SG6, jidher persuna maskili qed tisraq bott tal-karità. Madanakollu, din il-Qorti ma setghet bl-ebda mod taghraf lil dik il-persuna li tidher fil-filmat, stante li l-wicc kien mghotti bil-beritta li l-istess malvivent kien liebes. Anke l-istess sid tal-hanut, meta xehed f'dawn il-proceduri, ma kienx f'pozizzjoni li

jaghraf lill-imputat bhala dik il-persuna li kienet dahlet fil-hanut tieghu u serqet l-imsemmi bott tal-karità.

Il-Qorti qieset l-investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, in konnessjoni mal-vettura li allegatament, dan il-malvivent harab biha minn fuq il-post bl-ghajnuna ta' persuna femminili. Madanakollu, din il-Qorti ma tqisx li bil-provi li tressqu quddiemha, tista' ssib htija fl-imputat fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni. Il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq dawk il-provi li jikkonvincu lil din il-Qorti lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat kien l-istess persuna li kkommetta dan ir-reat.

Mhux l-istess jinghad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, gie ezebit Dok SG1, li huwa l-filmat li fih l-imputat jidher b'mod car qed jisraq il-bott tal-karità in kwisjtoni. F'din l-okkazzjoni, l-imputat ma kienx liebes beritta, u ghalhekk, wiccu kien jidher tajjeb. L-Ispettur Alfredo Mangion, kif ukoll il-Manager tal-hanut Convenience Store, fi Triq Hammieri,Qormi, entrambi gharfu lill-imputat bhala dik il-persuna li kienet tidher fuq il-filmat in kwistjoni. Id-difiza argumentat f'dan ir-rigward, li l-Prosekuzzjoni ma hix f'pozizzjoni li tiddikjara kemm kwantum ta' flus seraq l-imputat minn dawn il-bottijiet. Madanakollu, f'dan ir-rigward, ghandu jinghad li l-imputat huwa akkuzat b'serq semplici, u mhux b'xi aggravvju tal-valur. Ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti sejra tapplika il-proviso tal-artikolu 285 tal-Kodici Kriminali, stante li gialadarba ma hux maghruf il-valur tal-haga misruqa, din il-Qorti sejra tapplika dak l-artikolu li l-aktar huwa ta' inqas pregudizzju ghall-imputat, u ghalhekk sejra tqis li l-piena li sejra taghti fir-rigward ta' din l-akkuza, ma jeccediex it-tliet xhur prigunerija. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra ssib htija fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova dwarha, u ghalhekk, tali imputazzjoni, ma tirrizultax pruvatha. In fatti, Dok JX 2, jirrigwarda digriet u kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest li ma jikkorrispondux mal-kontenut tat-tielet imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-imputat.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni pprezentaw Dok JX1, konsistenti f'vera kopja tad-digriet u kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest. Ressqu wkoll lill-Ufficjal Prosekutur koncernat f'dak il-kaz, li fir-rigward tieghu, Mario Farrugia nghata l-helsien mill-arrest, liema Ufficjal Prosekutur ikkonferma li l-kaz ghadu pendent, u li gharaf lill-imputat bhala l-imputat fil-kawza li fiha l-Magistrat Gabriella Vella

kkoncediet il-helsien mill-arrest lill-imputat. Ghalhekk, din l-imputazzjoni, tinsab ippruvatha.

Dwar il-hames imputazzjoni, din ukoll tirrizulta ppruvata, tenut kont ta' Dok MA1 sa MA 4, ezebiti waqt is-seduta tal-1 ta' Gunju 2020.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat Mario Farrugia mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, filwaqt li wara li rat l-artikoli 17, 284, 285, 579(2) u (3), 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat Mario Farrugia hati tal-ewwel imputazzjoni, u tikkundannah ghal xahar prigunerija, kif ukoll qed issib lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjoni, u qieghda tirrevoka l-effetti tad-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fil-5 ta' Frar 2019, tordna l-konfiska tas-somma ta' €8000 mogħtija bħala garanzija mill-ħelsien mill-arrest, kif ukoll qed tikkundanna lil Mario Farrugia ghal sena u sitt xhur prigunerija.**

**Magistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Registratur**